

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**PROVIŻORJU  
2007/2095(INI)**

30.4.2007

## **ABBOZZ TA' RAPPORT**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar Regolamentazzjoni Aħjar fl-Unjoni Ewropea  
(2007/2095(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Gunnar Hökmark

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

1. Jappoġġja l-għan tal-Kummissjoni biex titjeb il-kwalità tal-leġiżlar u biex jitnaqqas il-piż leġiżlattiv; jemmen li l-miżuri msemmija fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni juru impenn ċar u kontinwu għall dak il-għan, iżda jqis li hemm bżonn ta' sforzi akbar f'numru ta' oqsma biex jiġi żgurat li jinkiseb il-benefiċċju ekonomiku massimu mil-leġiżlazzjoni tas-suq intern;
2. Jaċċetta li l-Kunsill u kif ukoll il-Parlament għandhom jikkunsidraw l-impatt ta' l-emendi tagħhom fuq l-evalwazzjoni ta' l-impatt tal-Kummissjoni; jenfasizza l-bżonn ta' analiżi dwar spiża u gwadann li tirrifletti l-istrutturi ta' l-ispiża regolatorja meta d-direttivi jiġu implimentati permezz ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u jbiddu l-qafas regolatorju li fih joperaw il-kumpaniji u l-individwi;
3. Jiddeplora l-prattika ta' l-Istati Membri ta' dak li huwa magħruf bħala 'gold-plating', jiġifieri ż-żieda ta' rekwiżiti mhux previsti, u jistieden lill-Kummissjoni biex tinvestiga liema miżuri ulterjuri jistgħu jittieħdu biex dan jiġi evitat, inkluż l-introduzzjoni ta' dritt ta' azzjoni diretta għaċ-ċittadini; jitlob 'evalwazzjonijiet ta' l-impatt bħala segwitu' li janalizzaw kif fil-fatt id-deċiżjonijiet jiġu implimentati fl-Istati Membri u fuq livell lokali; jappoġġja l-użu aktar xieraq tar-regolamenti;
4. Ifakkar l-importanza ta' l-użu ġudizzjuż ta' "klawżoli sunset" biex jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni tibqa' pertinenti;
5. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tinvestiga alternattivi għal-leġiżlazzjoni biex jitjeb it-tħaddim tas-suq intern, inklużi l-awtoregolamentazzjoni u r-rikonoxximent reċiproku tar-regoli nazzjonali;
6. Jenfasizza li s-simplifikazzjoni hija meħtieġa wkoll fl-interazzjoni tal-Kummissjoni maċ-ċittadini eż. fl-oqsma ta' xiri, servizzi finanzjarji, programmi ta' riċerka, regoli dwar għajnuna Statali u applikazzjonijiet għal għotjiet.